# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 127-128/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Spiridione Zammit)

vs

**Kenneth Farrugia**

iben Anthony, imwieled Attard, fis-16 ta' Jannar, 1976, detentur tal-karta tal-identita' numru 51776(M)

**U**

**Duncan Farrugia**

iben Anthony, imwieled Pieta', fid-9 ta' Dicembru, 1981, detentur tal-karta tal-identita' numru 661181(M)

Illum 12 ta' Gunju, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti Kenneth Farrugia u Duncan Farrugia quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fix-xahar t'April, 2012 u sitt xhur qabel din id-data fil-ħanut tagħhom Carbia fi Triq Is-Sur, Fgura u f'dawn il-ġzejjer xjentement laqaw għandhom jew xtraw ħwejjeħ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement kull mod li jkun indaħlu sabiex ibiegħuhom jew imexxuhom, u cioé laqaw għandhom ammont ta' xfafar u oġġetti oħra liema oġġetti kienu nsterqu minn diversi ħwienet f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Ġzejjer propjeta ta' diversi persuni.

Lil Duncan Farrugia waħdu akkużat ukoll:
Talli rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-17 ta' Marzu, 2014 fejn il-Qorti fir-rigward tal-imputat Kenneth Farrugia, wara li rat in-Nota ta' Rinviju għal ġudizzju tal-Avukat Generali datata 4 ta' Dicembru 2012, u senjatament Artikoli 279 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat Kenneth Farrugia ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal perijodu ta' sitt (6) xhur priġunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jiġu sospiżi għal sena;

Fir-rigward tal-imputat l-ieħor Duncan Farrugia, wara li rat in-Nota ta' Rinviju għal ġudizzju tal-Avukat Generali datata 4 ta' Dicembru, 2012, u senjatament Artikoli 49, 50, 279 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat Duncan Farrugia ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal perijodu ta' tmien (8) xhur priġunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanti Kenneth Farrugia minnu ppreżentat fis-27 ta' Marzu, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka l-istess sentenza fit-totalita' tagħha u tilliberah minn kull piena u imputazzjoni jew fin-nuqqas tvarjaha, inkwantu l-piena, fis-sens li din tkun sostitwita b'waħda anqas severa minn dik fuq imsemmija, bir-riserva li jressaq dawk il-provi kollha opportuni skont il-liġi fi stadju ta' dan l-appell.

Rat ir-rikors tal-appellanti Duncan Farrugia minnu ppreżentat fis-27 ta’ Marzu, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka l-istess sentenza fit-totalita' tagħha u tilliberah minn kull piena u imputazzjoni jew fin-nuqqas tvarjaha, inkwantu l-piena, fis-sens li din tkun sostitwita b'waħda anqas severa minn dik fuq imsemmija, bir-riserva li jressaq dawk il-provi kollha opportuni skont il-liġi fi stadju ta' dan l-appell.

Rat l-aggravji tal-appellanti Kenneth Farrugia u cioe':-

Illi għandu jirriżulta li iż-żewg provi kardinali li għandha l-prosekuzzjoni kontra l-esponent u anke ħuh huma (1) l-istqarrija rilaxxjata mill-esponent, fejn jidher li ammetta waqt l-interrogatorju u (2) ix-xhieda tal-imsemmi Paul Gauci Borda. Illi f'dan ir-rigward qiegħed ikun sottomess is-segwenti:

L-istqarrija:

L-esponent jsostni li l-istqarrija ma hiex valida għaliex ma kinitx meħuda skont il-liġi peress li hija intrinsikament diffettuża stante li ttieħdet b'qerq . Għandu jirriżulta li din kienet imnissla minn dak ix-xorta ta' theddid jew biza' li jitnisslu minn fatti li ma humiex minnhom , biex min ikun qiegħed jinterroga jottjeni stqarrija a' kull kost sabiex wara tintuża kontra minn jirrilaxxjha fi proċeduri penali kontra tiegħu.

Illi dan qiegħed jingħad fuq ammissjoni stess tal-persuna li interrogathom . Di fatti fuq mistoqsija tad-difensur sottoskritt jekk kienx qal lill-esponenti li kellu filmat tagħhom a fol 16 tal-proċess iwieġeb hekk: “ Dottore taf li aħna fl-interrogazzjoni nistgħu insemmu li għandna l-provi u ma jkunx hemm fil-fatt." Regola, li umilment l-esponent ma jafx minn fejn toħroġ u li addirittura tagħti setgħa li jintużaw metodi ta' qerq interrogazzjoni u stratagemmi xejn ortodossi.

Illi fl-istess xhieda l-istess uffiċjal ikompli jammetti li ma qallhomx is-sewwa, meta kien konsapevoli li mhux veru kellu dawn il-filmati fil-pussess tiegħu. Huwa minnu li dawn il-Qrati għadhom ma abbraccawjx it-teorija tal-"forbitten fruit" kif jagħmlu l-Qrati anglosassoni, iżda huwa minnu ukoll li in ommaġġ tal-prinċipju tal-"equality of arms" fi stadju ta' interrogazzjoni,

hemm limitu sa fejn huwa permess li l-prosekuzzjoni tista' tirrikorri għal ċertu stratagemmi u hemm linja hamra li ma tistax tinqabeż. Fl-umli fhema tal-esponenti din il-linja inqabbżet tenut kont li sakemm ma intużatx din l-istratagemma ma jidhirx li xi ħadd mill-imputati kien laħaq ammetta.

Illi għalhekk l-esponent għal din ir-raġuni jsostni li l-istqarrija hja intrinsikament difettuża għandha tkun skartata bħala prova għaliex saret bi ksur tal-prinċipju tal- "equal arms" tant importanti fil-kamp kriminali u di piu' bi ksur ukoll tal-Artikolu 658 tal- Kap tal-liġijiet ta' Malta għax giet rilaxxjata volontarjament u ġiet ottenuta b'qerq li jammonta għal theddid f'sens wisa' tal-kelma. Għalhekk din l-istqarrija għandha tkun skartata jekk mhux fit-totalita' tagħha żġur f'dawk il-partijiet fejn bl-istess stqarrija inkriminaw lilhom innfushom.

Ix-Xhieda u x-xhud prinċipali Paul Gauci Borda.

Illi għalhekk skartata l-istqarrija tal-esponent kif fuq ingħad jmiss li jkunu ikkunsidrata ix-xorta ta' provi oħra prodotti mill-esponenti konsistenti f'xhieda orali ta' diversi persuni.

Illi jibda biex jingħad li ebda wieħed mill-persuni li kienu derubati ma kienu f'posizzjoni li jiddentifikaw lill-esponent u lil ħuh. Dan setgħu jagħmluh biss fil- konfront ta' Paul Gauci Borda mentri dan tal-aħħar kien l-uniku xhud determinant fil-konfront tal-esponent u ħuh. Illi ma hemm ebda dubbju li Paul Gauci Borda huwa 1-aħjar prova li seta' jkollha l-prosekuzzjoni, il-persuna mingħand min l-esponenti allegatament xtraw l-oġġetti mertu tar-rejati li qegħdin ikunu akkużati bihom.

Illi ma hemm ebda dubbju li l-imsemmi kien kompliċi fir-rejat li qiegħed ikun addebitata bih l-esponent. Issa hija regola ċara l-kompliċi huwa xhud produċibbli u li ix-xhieda tiegħu biss tista' tkun bizzejjed biex twassal għall-kundanni ta' persuna oħra li kienet miegħu fir-rejat. Iżda jista' f'din il-kawża jingħad li din il-persuna tikkwalifika bħala kompliċi kwalifikata kif trid mil-liġi biex titwemmen.

Illi dawn il-Qrati dejjem aċċettaw ix-xhieda ta' kompliċi purke' jkun diġa' ġie proċessat u l-każ tiegħu konkluż. Mhux importanti x'kien l-esitu tal-kawża, l-importanti li jkun ġie proċessat u l-ġudizzju fil-konfront tiegħu ikun mar in ġudikat. Dan sabiex ikun assolutament aċċertat li ma jkollu ebda interess li jitfa' il-ħtija fuq ħadd ieħor u għalhekk ikun meħus minn kull pregudizzju li jista' jkun għadu jġorr kontra l-persuna taħt akkuża.

Illi f'dawn il-proċeduri l-uniku provi li ressqet il-prosekuzzjoni li l-imsemmi Paul Gauci Borda kellu l-każ tiegħu deċiż fil-konfront tiegħu kienet sentenza u x-xhieda tiegħu stess a fol 38 tal-proċess. Skont l-ewwel Onorabbli, l-prova li dik is-sentenza marret in ġudikat kienet dikjarazzjoni tal-imsemmi Paul Gauci Borda li ma appellax mill- imsemmija sentenza. Fil-fehma umli tal-esponent, il-prosekuzzjoni naqset li tressaq l-aħjar prova biex dan ix-xhud seta' jikkwalifika bħala persuna li tista' titwemmen. Kif jiddisponi l-artikolu 638(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-aħjar prova kellha tkun li jkun prodott ir-Reġistratur tal-Qrati biex jikkonferma li tassew dik is-sentenza marret in ġudikat.

Illi għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tqis lill-imsemmi Paul Gauci Borda bħala kompliċi fir-rejat li u tieħu in konsiderazzjoni dak li jiddisponi artikolu 693(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

IlIi dan qiegħed ukoll jingħad anke fid-dawl li x-xhieda l-oħra kollha prodotti ma kellhom ebda relazzjoni mal-esponenti u kwindi qatt ma setgħu ikunu prova materjali kontra tagħhom bħal ma ngħidu aħna għal skopijiet ta' identifikazzjoni.

IlIi dan il-fattur jakkwista ċertu riljev anke fid-dawl tal-karrattru xejn xejn affidabbli tal- istess Paul Gauci Borda. Biżżejjed iħares lejn ir-relazzjoni li tesisti bejnu u missieru biex jifhem dan il-fattur. Mhux biss iżda indipendentement mill-fatt jekk għandhom jittieħdu il-kondiserazzjonijiet appena detti dwar il-kwistjoni ta' komplicita', din il- persuna hija intrinsikament inaffidabbli. Tant huwa minnu illi saħansitra kellu jkun arrestat għaliex beda jkun riklacitranti waqt ix-xhieda tiegħu. Paul Gauci Borda ma hux persuna li jippresta dik l-affidabilita' u attendibilita' rikjesta biex fuq ix-xhieda tiegħu persuna tkun ikkundannat minn dina l-Onorabbli Qorti.

Illi di piu' jekk finalment tenendo conto li l-istqarrija kienet diffettuża kif ingħad aktar 'l fuq, anke dato ma non concesso li l-imsemmi Paul Gauci Borda jiġi emmnut, xorta jibqa' l-fatt li x-xhieda tiegħu hija waħedha li ma tistax twassal sabiex jiġi stabbilit li l- esponent kien jipposjedi dik ix-xjenza neċessarja biex jikkonfigura r-rejat ta' riċettazzjoni fis-sens li kellu raġunijiet għalfejn jissuspetta li l-oġġetti inkwistjoni kellhom provenjenza illeċita.

Illi finalment, dato ma non concesso li dina l-Onorabbli Qorti tħoss li ebda wieħed mill-aggravji fuq imsemmija ma għandu jkun milqugħ, kwantu għall-piena l-esponent iħoss li fiċ-ċirkostanzi hija esaġerata. Dan kien l-ewwel rejat tiegħu, ikkopera mal- Pulizja, fil-waqt li d-danni reki lill-terzi ma kienux f'sommom kbar .

Rat l-aggravji tal-appellanti Duncan Farrugia u cioe':-

Illi għandu jirriżulta li ż-żewġ provi kardinali li għandha l-prosekuzzjoni kontra l- esponent u anke ħuh huma (1) l-istqarrija rilaxxjata mill-esponent, fejn jidher li ammetta waqt l-interrogatorju u (2) ix-xhieda tal-imsemmi Paul Gauci Borda. Illi f'dan ir-rigward qiegħed ikun sottomess is-segwenti:

L-istqarrija:

L-esponent jsostni li l-istqarrija ma hiex valida għaliex ma kienitx meħuda skont il-liġi peress li hija intrinsikament diffettużza stante li ttieħdet b'qerq . Għandu jirriżulta li din kienet imnissla minn dak ix-xorta ta' theddid jew biza' li jitnisslu minn fatti li ma humiex minnhom , biex min ikun qiegħed jinterroga jottjeni stqarrija a' kull kost sabiex wara tintuża kontra minn jirrilaxxjha fi proċeudri penali kontra tiegħu.

Illi dan qiegħed jingħad fuq ammissjoni stess tal-persuna li interrogathom . Di fatti fuq mistoqsija tad-difensur sottoskritt jekk kienx qal lill-esponenti li kellu filmat tagħhom a fol 16 tal-process iwieġeb hekk: " Dottore taf li aħna fl-interrogazzjoni nistgħu insemmu li għandna l-provi u ma jkunx hemm fil-fatt." Regola, li umilment l-esponent ma jafx minn fejn toħroġ u li addirittura tagħti setgħa li jintużaw metodi ta' qerq interrogazzjoni u stratagemmi xejn ortodossi.

Illi fl-istess xhieda l-istess uffiċjal ikompli jammetti li ma qallhomx is-sewwa, meta kien konsapevoli li mhux veru kellu dawn il-filmati fil-pussess tiegħu. Huwa minnu li dawn il-Qrati għadhom ma abbraċċawjx it-teorija tal-"forbitten fruit" kif jagħmlu l-Qrati anglosassoni, iżda huwa minnu ukoll li in ommaġġ tal-prinċipju tal-"equality of arms" fi stadju ta' interrogazzjoni, hemm limitu sa fejn huwa permess li l-prosekuzzjoni tista' tirrikorri għal ċertu stratagemmi u hemm linja ħamra li ma tistax tinqabeż. Fl-umli fhema tal-esponenti din il-linja inqabbżet tenut kont li sakemm ma intużatx din l-istratagemma ma jidhirx li xi ħadd mill-imputati kien laħaq ammetta.

Illi għalhekk l-esponent għal din ir-raġuni jsostni li l-istqarrija hija intrinsikament difettuża għandha tkun skartata bħala prova għaliex saret bi ksur tal-prinċipju tal- "equal arms" tant importanti fil-kamp kriminali u di piu' bi ksur ukoll tal-artikolu 658 tal- Kap tal-liġijiet ta' Malta għax ġiet rilaxxjata volontarjament u ġiet ottenuta b'qerq li jammonta għal theddid f'sens wisa' tal-kelma. Għalhekk din l-istqarrija għandha tkun skartata jekk mhux fit-totalita' tagħha żġur f'dawk il-partijiet fejn bl-istess stqarrija inkriminaw lilhom innfushom.

Ix-Xhieda u x-xhud prinċipali Paul Gauci Borda.

Illi għalhekk skartata l-istqarrija tal-esponent kif fuq ingħad jmiss li jkunu ikkunsidrata ix-xorta ta' provi oħra prodotti mill-esponenti konsistenti fix-xhieda orali ta' diversi persuni.

Illi jibda biex jingħad li ebda wieħed mill-persuni li kienu derubati ma kienu f'posizzjoni li jiddentifikaw lill-esponent u lil ħuh. Dan setgħu jagħmluh biss fil- konfront ta' Paul Gauci Borda mentri dan tal-aħħar kien l-uniku xhud determinanti fil- konfront tal-esponent u ħuh. Illi ma hemm ebda dubbju li Paul Gauci Borda huwa 1- aħjar prova li seta' jkollha l-prosekuzzjoni, il-persuna mingħand min l-esponenti allegatament xtraw l-oġġetti mertu tar-rejati li qegħdin ikunu akkużati bihom.

Illi ma hemm ebda dubbju li l-imsemmi kien kompliċi fir-rejat li qiegħed ikun addebitata bih l-esponent. Issa hija regola ċara l-kompliċi huwa xhud produċibbli u li x-xhieda tiegħu biss tista'

tkun biżżejjed biex twassal għall-kundanni ta' persuna oħra li kienet miegħu fir-rejat. Iżda jista' f'din il-kawża jingżad li din il-persuna tikkwalifika bħala kompliċi kwalifikata kif trid mil-liġi biex titwemmen.

Illi dawn il-Qrati dejjem aċċettaw ix-xhieda ta' kompliċi purke' jkun diġa' ġie proċessat u l-każ tiegħu konkluż. Mhux importanti x'kien l-esitu tal-kawża, l-importanti li jkun ġie proċessat u l-ġudizzju fil-konfront tiegħu ikun mar in ġudikat. Dan sabiex ikun assolutament aċċertat li ma jkollu ebda interess li jitfa' il-ħtija fuq ħadd ieħor u għalhekk ikun meħlus minn kull preħudizzju li jista' jkun ghħadu jġorr kontra l-persuna taħt akkuża.

Illi f'dawn il-proċeduri l-uniku provi li ressqet il-prosekuzzjoni li l-imsemmi Paul Gauci Borda kellu l-każ tiegħu deċiż fil-konfront tiegħu kienet sentenza u x-xhieda tiegħu stess a fol 38 tal-proċess. Skont l-ewwel Onorabbli, l-prova li dik is-sentenza marret in ġudikat kienet dikjarazzjoni tal-imsemmi Paul Gauci Borda li ma appellax mill- imsemmija sentenza. Fil-fehma umli tal-esponent, il-prosekuzzjoni naqset li tressaq l-aħjar prova biex dan ix-xhud seta' jikkwalifika bħala persuna li tista' titwemmen. Kif jiddisponi l-artikolu 638(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-aħjar prova kellha tkun li jkun prodott ir-Reġistratur tal-Qrati biex jikkonferma li tassew dik is-sentenza marret in ġudikat.

Illi għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tqis lill-imsemmi Paul Gauci Borda bħala kompliċi fir-rejat li u tieħu in konsiderazzjoni dak li jiddisponi artikolu 693(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

IlIi dan qiegħed ukoll jingħad anke fid-dawl li x-xhieda l-oħra kollha prodotti ma kellhom ebda relazzjoni mal-esponenti u kwindi qatt ma setgħu ikunu prova materjali kontra tagħhom bħal ma ngħidu aħna għal skopijiet ta' identifikazzjoni.

Illi dan il-fattur jakkwista ċertu riljev anke fid-dawl tal-karrattru xejn xejn affidabbli tal- istess Paul Gauci Borda. Biżżejjed iħares lejn ir-relazzjoni li teżisti bejnu u missieru biex jifhem dan il-fattur. Mhux biss iżda indipendentement mill-fatt jekk għandhom jittieħdu l-konsiderazzjonijiet appena deti dwar il-kwistjoni ta' komplicita', din il- persuna hija intrinsikament inaffidabbli. Tant

huwa minnu illi saħansitra kellu jkun arrestat għaliex beda jkun riklaċitranti waqt ix-xhieda tiegħu. Paul Gauci Borda ma hux persuna li jippresta dik l-affidabilita' u attendibilita' rikjesta biex fuq ix-xhieda tiegħu persuna tkun ikkundannat minn dina l-Onorabbli Qorti.

Illi di piu' jekk finalment tenendo conto li l-istqarrija kienet diffettuza kif ingħad aktar 'l f uq, anke dato ma non concesso li l-imsemmi Paul Gauci Borda jiġi emmnut, xorta jibqa' l-fatt li x-xhieda tiegħu hija waħedha li ma tistax twassal sabiex jiġi stabbilit li l- esponent kien jipposjedi dik ix-xjenza neċċessarja biex jikkonfigura r-rejat ta' riċettazzjoni fis-sens li kellu raġunijiet għalfejn jissuspetta li l-oġġetti inkwistjoni kellhom provenjenza illeċita.

Illi finalment, dato ma non concesso li dina l-Onorabbli Qorti tħoss li ebda wieħed mill-aggravji fuq imsemmija ma għandu jkun milqugħ, kwantu għall-piena l-esponent iħoss li fiċ-ċirkostanzi hija esaġerata. Għalkemm dan ma kienx l-ewwel reat tiegħu hu kkopera mal-Pulizja, fil-waqt li id-danni reki lill-terzi ma kienux f'sommom kbar. Illi di piu l-esponent kif ser jiħi ppruvat fil-kors ta' dan l-appell għall-fini ta' piena irrientigra ruħu fis-socjeta' u saħansitra ħejja sabiex is-sena id-dieħla jrabbi l-familja li għandu billi jiżżewweġ. Għalhekk il-piena inflitta ma hi se tgħin xejn la fir-rigward tal-esponent u lanqas dik tas-socjeta'.

Rat l-atti kollha tal-kawża

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta’ din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għal konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-

konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni. F'dan il-kuntest wieħed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deċiża fl-14 ta' Frar, 1989;

Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deċiża fil-31 ta' Mejju, 1991;

Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deċiża fit-12 ta' Mejju, 1994;

Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deċiża fis-6 ta' Gunju, 1994;

Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deċiża fit-28 ta' April, 1995;

Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deċiża fit-3 ta' Novembru, 1995; u

Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010; kollha appelli kriminali.

Illi magħmula din il-konsiderazzjoni wieħed għandu biex igħaddi għall-eżami tal-aggravji tar-rikorrenti u jagħmel analiżi tagħhom.

Illi dan il-każ kien jirrigwarda riċettazzjoni ta' oġġetti misruqa

Illi dawn iż-żewġ appelli huma bbażati fuq is-segwenti:

1) Li matul l-istqarrija il-Prosekuzzjoni imxiet b'mod inġust mal-appellanti;
2) Illi l-unika xhud li hemm ma huwiex persuna affidabbli
3) Illi l-kumplament tax-xhieda ma għarfuhomx
4) Konferma li m'hemmx appell mis-sentenza li ngħata fil-konfront ta' Paul Gauci Borda
5) Illi l-piena hija waħda eċċessiva

**1.Matul l-istqarrija l-Prosekuzzjoi użat xi strataġemmi:**

Illi l-appellanti qegħdin jikkontendu li huma ammettew fl-istadju tal-istqarrija l-fatt li huma kienu jirċievu u jħallsu lil Paul Gauci Borda għax l-ispettur kien qalilhom li kellu xi rekordings tagħhom jirċievu x-xfafar tad-ditti differenti.

Fir-rigward ta' stratagemmi li jintużaw mill-Prosekuzzjoni sabiex ikunu jistgħu jinvestigaw , il-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri fil-15 ta' Novembru, 2005 fl-ismijiet Pulizija vs John Attard kienet qalet is-segwenti:

***Stratagems.***

*""The use of a stratagem to lead a person to make a statement is not prohibited (eg. "we already know everything about the case; your friends have already confessed.") " (emfasi tal-Qorti) . "Dan l-aħħar paragrafu fuq ċitat jattalja perfettament ma dak li ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fil-kawża "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Francis Casaletto" [8.11.1988] (Kollez. Vol. LXXII, part 5 , Section I , p.893) , fejn ġie ritenut li :- ""Skond il-ġurisprudenza tagħna, dikjarazzjoni, anki jekk ottenuta bi stratagemma hi ammissibbli fil-konfront tal-akkużat basta li jekk tammonta għal konfessjoni, ma tkunx giet ottenuta bi stratagemma li tammonta għal xi wieħed nid-difetti msemmijin fl-artikolu 685." "Umbagħad il-paragrafu 19 tal-istess Raba' Skeda jgħid ukoll li :- ""The lack of observance of any of the provisions of this Code will not invalidate the statement, unless such non-observance nullifies the voluntariness of the statement. However, disciplinary proceedings may be instituted against persons who do not observe the provisions of this Code."*

Dan ifisser li jekk jagħti l-każ li l-ispettur informa ż-żewġ appellanti li kellu rekordings tagħhom li qed jirċievu ħwejjeġ misruqin u fil-fatt ma kellhomx dawn ir-rekordings ma jfissirx li l-istqarrija hija inammissibbli jew li wieħed ma jistax jqisha bħala parti integrali mill-atti.

Meta wieħed jaqra l-istqarrijiet esebiti t-ton jidher li huwa kalm, plakkat u ma ttieħdu bl-ebda mod li jmur kontra dak stabbilit fl-artikolu 658 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid is-segwenti:

***Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub,b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.***

Inoltre, l-appellanti kienu ngħataw d-dritt għall-avukat iżda huma għażlu li ma jikkonsultawx jew jiġu assistiti minn avukat tal-fiduċja tagħhom.

**2. Illi l-unika xhud li hemm mhuwiex persuna affidabbli**

Meta xehed  Paul Gauci Borda (a folios 36-43) quddiem l-Ewwel Qorti, għall-ewwel kien ser jitqies bħala xhud ostili għax beda jgħid li ma jiftakarx iżda wara xi siegħa beda jiftakar kollox u infatti ikkonferma dak li kienu qalu l-appellanti stess fl-istqarrijiet tagħhom stess.

Hemm konsistenza kemm x'kien jeħdilhom il-ħanut, li ġieli kien iħallas Duncan Farrugia u ġieli Kenneth Farrugia. Id-drabi li kien imur  għandhom u li kienu ftehmu li jħallsuh nofs prezz tal-ixfafar. Inoltre,  hu jagħrafhom wkoll fis-seduta meta xehed.

Illi skont l-artikolu 638 tal-Kap 9 xhud wieħed, jekk emmnut min minn għandu jiġġudika fuq il-fatt huwa biżżejjed biex jagħmel prova sħiħa u kompluta u jisw' daqs li kieku ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew iktar.

L-Ewwel Qorti ma kellhiex għalfejn ma toqgħodx fuq ix-xhieda ta' Paul Gauci Borda stante li kien hemm konsistenza sħiħa ma dak iddikjarat fl-istqarrijiet tal-appellanti.

**3 ) Illi l-kumplament tax-xhieda m'għarfux lill-appellanti :**

Xehdu diversi xhieda oħra li kienu jew spiżjara jew is-sidien tal-ħwienet minn fejn kien jisraq Paul Gauci Borda biex umbgħad ibiegħ lil appellanti. L-appellanti qed jsostnu li dawn ma għarfuhomx, imma fuq dan il-punt m'hemmx xi tgħid, diffiċli li wieħed jagħraf in-nies li qatt ma raw. Mhux l-appellanti kienu jmorru jisirqu l-ixfafar iżda Paul Gauci Borda, lil dan tal-aħħar setgħu għarfu!

**4)Konferma li m'hemmx appell mis-sentenza li ngħata fil-konfront ta' Paul Gauci Bord**a

Inkwantu s-sentenza fil-konfronti ta’ Paul Gauci Borda li ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-24 t’April, 2012 (a folio 52- 53 tal-proċess) , fejn kien tressaq għas-serq li kien għamel minn diversi ħwienet għall-ixfafar tal-leħja li umbgħad kien ibiegħ lil appellanti,  hemm is-sentenza preżentata in atti u m’hemmx għalfejn ikun hemm ir-reġistratur tal-Qorti biex jikkonferma li m’hemmx appell stante li fix-xhieda tiegħu stess  kemm a fol 36 u a fol 38 jgħid li qiegħed il-ħabs fuq hekk u li m’appellax .

**5).Illi l-piena hija waħda eċċessiva**

Illi dwar il-piena din il-Qorti tirrileva li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hi waħda fil-parametri.

**Rekwiżiti u Elementi tar- Riċettazzjoni:**

Skont il-ġurisprudenza, sabiex persuna tinsab ħatja ta' riċettazzjoni huwa meħtieġ li jinkorru s-segwenti tlett rekwiżiti:

1. Il-Provenjenza lleġittima tal-oġġett in kwistjoni;
2. L-akkużat irid ikun laqa' għandu jew xtara tali oġġett li għandu provenjenza illeġittima: u
3. Fil-mument tal-akkwist,  l-akkużat kien jaf bil-provenjenza illeġittima tal-oġġett in kwistjoni.

Illi l-element formali ta' dan ir-reat huwa li l-akkużat kien konsapevoli tal-provenjenza lleċita tal-oġġett suġġett għar-riċettazzjoni u dan ir-rekwiżit jista' jiġi ppruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indiretti.

Illi fil-każ indiżamina kemm ir-rekwiżiti u kif ukoll l-element formali jissussitu.

Fl-istqarrijiet tagħhom iż-żewġ appellanti kienu jafu li l-oġġetti li kienu qed jixtru mingħand Paul Gauci Borda ma kellhomx provenjenza leġittima għax il-prezz kien ferm irħas minn dak li kienu jixtru mingħand l-aġent u dan jikkonfermawh anke fl-istqarrijiet tagħhom. Li kienu jixtru mingħand Gauci Borda kienu jagħmluh fl-istore u jħalltuh mal-kumplament tax-xogħol biex

ibiegħuh u dan għax kienu jafu li l-provenjenza tagħhom ma kienet leġittima xejn. Li kieku ma kellhom ebda suspett ħażin dwar il-provenjenza tagħhom ma kienux jħalltuhom.

**Konklużjoni:**

Għaldaqstant, tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha kemm fil-konfront ta' Kenneth Farrugia u kif ukoll fil-konfront ta' Duncan Farrugia.